# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Il-XV Ħadd Matul is-Sena

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tal-ħmistax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nippruvaw nifhmu dak li tgħidilna l-Kelma t'Alla. Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Għamos 7, 12-15)

Għad li l-profeta Għamos kien sempliċement ragħaj, Alla xorta għażlu biex iwassal il-kelma tiegħu lill-poplu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 84 (85), 9ab-10. 11-12. 13-14)

Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek, u s-salvazzjoni tiegħek agħtina

**It-Tieni Qari** (Efes 1, 3-14)

Alla għażilna fiH sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mk 6, 7-13)

Alla bgħat lill-appostli tiegħu biex ixandruh u tagħhom is-setgħa tiegħu.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Is-sagrifiċċju tal-Kalvarju jibqa' jiġġedded kull darba li niċċelebraw l-Ewkaristija.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Is-smigħ tal-Kelma t'Alla huwa akkumpanjat mill-Ewkaristija.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.